# P. Ġużepp Grech OFMCap minn Bormla (1680 - 1763)

## *Fundatur tal-Kustodja Kapuċċina Maltija*

**Eman Bonnici**



*P. Ġużepp Grech OFMCap., minn Bormla*

L-ewwel preżenza Franġiskana Kapuċċina Maltija feġġħet permezz tal-figura ta' Patri Roberto Novella minn Eboli, li meħud ilsir min-neputi tal-kursar Dragut waqt li kien qiegħed iwettaq il-qadi ministerjali tiegħu fil-villaġġ pittoresk ta' San Vito Lo Capo fil-Provinċja ta' Trapani fi Sqallija, fejn mar sabiex jevanġelizza n-nies tal-lokal, kien mifdi fl-1564 wara tnax-il sena fil-Barberija. Peress li ftit tal-ġranet qabel il-fidwa tiegħu seħħlu jsir jaf li l-Ottomani kellhom il-ħsieb iwettqu assedju fuq il-Gżejjer Maltin, mal-ħelsien tiegħu ġie dritt lejn gżiritna u dlonk tarraf dak kollu li sema' lill-Gran Mastru, Jean de La Valette. Milqugħ b'ħeġġa u rispett, Patri Roberto ma damx ma sar magħruf mal-Maltin kollha permezz tal-prietki mqanqla li beda jagħmel fil-knisja Konventwali ta' San Lawrenz fil-Birgu li matulhom ġagħalhom jagħmlu kwaranturi solenni sabiex f'każ ta' assedju, ir-rebħa tkun tagħhom. Midrub matul l-attakk li għamel Pjali Paxà fuq il-Birgu fl-20 ta' Awwissu 1565, disat ijiem wara, mitluf f'estasi, ħabbar li r-rebħa kellha sseħħ fit-8 ta' Settembru, jum in-Nativitä tal-Madonna, kif tassew seħħ.[1] Il-figura ta' dan il-bniedem flimkien mal-memorji ta' P. Rafel Camilleri minn Ħal Tartani u P. Salvatore Petit mill-Belt Valletta, li t-tnejn edifikaw lill-Ordni Kapuċċin u lir-reliġjon permezz tal-ħajja assidwa tagħhom, wasslu lill-Gran Mastru Kardinal Ugo Loubenx de Verdalle wara laqgħa li kellu mal-istess Patri Rafel f'Gaeta, biex fl-10 ta' Frar 1588, jitlob lill-Ġeneral tal-Ordni Kapuċċin jibgħat għadd ta' membri tal-Ordni tiegħu f'Malta. Il-Ġeneral laqa' t-talba tiegħu u tmien Kapuċċini, erba' minnhom Maltin, mal-wasla tagħhom irċevew b'xejn biċċa art imsejjħa "tad-Docchara" tħares fuq il-port tal-Marsa, li fuqha bnew il-kunvent tagħhom fil-lok li 'l quddiem kellu jibda jissejjaħ il-Furjana.

Bil-preżenza Kapuċċina kulma jmur dejjem tikber u tissoda ruħha sew f'Malta kif ukoll f'Għawdex, twaqqfu fis-snin li segwew, il-kunventi tal-Kalkara fl-inħawi msejħa "tal-Għassieli" u dak tar-Rabat fil-gżira Għawdxija fil-lok magħruf bħala "il-Belliegħa". Dan it-tkattir wassal għat-tnissil ta' Kustodja lokali fil-25 ta' Ġunju 1740 mifruda għaldaqstant mill-Provinċja ta' Sirakuża. Kellhom jgħaddu mitt sena oħra qabel ma

l-Kustodja twaqqfet fi Provinċja permezz ta' digriet maħruġ fis-27 ta' Awwissu 1840 li dik il-ħabta kienet tinkorpora wkoll il-Prefettura tat-Tuneżija. Mit-twaqqif tal-Provinċja sal-lum, il-Kapuċċini seħħilhom jiftħu ħames kunventi oħra: tnejn fil-Marsa, ieħor ix-Xemxija, f'San Ġwann u f'Għajn Dwieli.

Il-fundatur tal-Kustodja Kapuċċina Maltija, kien il-Bormliż Patri Ġużepp Grech. Din hija ħarsa lejn ħajtu u ħidmietu.

**P. Ġużepp Grech**

Imwieled Bormla fis-7 ta' Ottubru 1680 minn Giovanni Battista Grech u Grazzja xebba Azzopardi, Baldassare Grech issieħeb mal-Franġiskani Minuri Kapuċċini f'età bikrija f'Sirakuża ġewwa Sqallija, fejn mat-tixdid taċ-ċoqqa fqira tal-Ordni rċieva l-isem reliġjuż ta' Fra Ġużepp minn Bormla.[2] Ordnat presbiteru fl-1708, bejn l-1710 u l-1711 għamel il-prietki tar-Randan fil-knisja ta' Bormla.[3] F'dawn il-prietki wera tant ħeġġa, li bosta kienu dawk li bdew jinżlu Bormla għal tal-apposta sabiex jisimgħuh.[4] Mibgħut Sqallija għall-predikazzjoni tar-Randan fil-knisja ta' San Bastjan ta' Augusta fl-1714, ma damx ma kiseb fama ta' oratur ta' ħila f'diversi żoni ta' din il-gżira. Tant kien kbir in-numru ta' prietki li wettaq, li l-imsemmi kronista tal-Ordni Kapuċċin, P. Lwiġi mill-Belt Valletta żamm għalih kliem is-Salmista: "*Quoniam non est numerus*": "Għax...ma jingħaddux" [S:40:13].

Maħtur lettur tal-filosofija u t-teoloġija matul il-Kapitlu mtella' fl-1713, fost l-istudenti tiegħu kien hemm P. Gjaċintu minn Palazzolo Acreide, li 'l quddiem kellu jservi huwa stess ta' lettur kif ukoll ta' Mastru tan-Novizzi, Provinċjal u Kustodju Ġenerali tal-Provinċja ta' Sirakuża li għadha sal-lum tfakkar ismu b'qima. Elett Gwardjan tal-kunvent ta' Noto fl-1725 u ta' Avola sentejn wara, lura Malta serva sat-twaqqif tal-Kustodja bħala gwardjan jew vigarju. Matul din il-preżenza tiegħu fil-gżira, P. Ġużepp mhux biss ħa ħsieb tat-tisbiħ tal-kunvent tal-Furjana, li fost l-oħrajn kienet tinkludi faċċata ġdida għalih, it-tlugħ mill-ġdid tal-kappellun tal-Madonna tal-Libertà fil-knisja annessa mal-kunvent, it-tħaffir ta' kripta[5], it-tisbiħ tal-ġnien u t-tkabbir tal-kor bl-ispejjeż imħallsa fost l-oħrajn mill-Gran Mastru António Manoel de Vilhena u mill-Kavallier Don Didaco Velez de Guevara tal-Lingwa Spanjola, imma flimkien ma' Patri Ercolano minn Paluzza, Ġermaniż mill-Provinċja tat-Tirolo li kien konfessur ta' bosta kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann[6], ħaseb għat-twaqqif ta' Kustodja awtonoma minn mal-Provinċja ta' Sirakuża. Sabiex din tkun tista' ssir, kellhom jinbnew żewġ kunventi oħra, kundizzjoni *sine qua non* meħtieġa għat-twaqqif tagħha. Fuq il-pjanti ta' Fra Ġużepp Grech mill-Isla, sorġew f'qasir żmien il-kunventi tal-Kalkara u tar-Rabat ta' Għawdex. L-ewwel ġebla tal-kunvent tal-Kalkara tqegħdet fis-26 ta' April 1736 b'Patri Ġużepp jinseġ il-kelmtejn tal-okkażjoni waqt li dik tal-kunvent ta' Għawdex tqegħdet fis-17 ta' Lulju tas-sena ta' wara. Il-kostruzzjoni ta' dan il-kunvent ħolqot diversi problemi u kellha tkun il-kapaċità ta' Fra Ġużepp li wasslet għas-soluzzjoni tagħhom għax ġara li matul il-kostruzzjoni nstabet mina kbira u wiesgħa għaddejja minn taħt il-lok li fuqu kellu jinbena l-kunvent, iżda l-Fra ħa ħsieb jegħleb din id-diffikultà mhux billi radamha imma billi kellu l-ħila jsaqqafha u jibni fuqha.

**It-twaqqif tal-Kustodja**

Ma rridux naħsbu li għax il-kunventi meħtieġa għat-twaqqif tal-Kustodja mat-

tkomplija tagħhom din l-idea sfat dlonk immaterjalizzata. Kien hemm infatti nuqqas ta' qbil dwar dan il-pass min-naħa tal-Provinċja ta' Sirakuża ġaladarba mat-twaqqif ta' Kustodja din tkun tiddependi direttament mill-Ministru Ġenerali tal-Ordni u mhux aktar mill-Provinċja li darba kienet tifforma parti minnha. Sabiex dan il-ħsieb iseħħ, kellhom jidħlu jassistu lil Patri Ġużepp u lil Patri Ercolano, sew il-Gran Mastru kif ukoll l-Isqof ta' Malta. Tal-ewwel, Fra António Manoel de Vilhena kellu mħabba kbira lejn il-Kapuċċini u dan nafuh sew mill-kronisti tal-Ordni u mill-għotijiet li rregalalhom. Daqstant imħabba kellu lejhom Mons. Paolo Alpheran de Bussan, li bħala Isqof ta' Malta bierek l-ewwel ġebla tal-kunvent tal-Kalkara u aktar tard ikkonsagra l-knisja ta' Santa Barbara mat-tlugħ tagħha fit-18 ta' Ġunju 1747. It-tnejn li huma għaddew ittri ta' rakkomandazzjoni lil P. Ġużepp u lil P. Ercolano sabiex jippreżentawhom matul il-Kapitlu Ġenerali f'Ruma fl-1740 li tella' lil P. Giuseppe Maria Manassei minn Terni bħala Ministru Ġeneral fit-3 ta' Ġunju. Dan il-Ġeneral, fuq rakkomandazzjoni tal-predeċessur tiegħu, P. Bonaventura Barberini minn Ferrara u tad-Definituri l-ġodda, aċċetta t-talba tal-Kapuċċini Maltin u hekk it-tliet kunventi tal-Kapuċċini f'Malta kienu separati minn dawk tal-Provinċja ta' Sirakuża u mgħollija f'Kustodja dipendenti biss mill-Ġeneral. B'Patri Ġużepp maħtur l-ewwel Kustodju, id-digriet uffiċjali li jagħraf tali twaqqif ħareġ fil-25 ta' Ġunju 1740, bil-Kustodja dik il-ħabta tgħodd mal-ħamsin membru.[7] L-Atti kollha tal-Kapitlu Ġenerali kienu ppreżentati lill-Papa Benedittu XIV mal-elezzjoni tiegħu għall-Papat u fit-12 ta' Settembru, il-Gran Mastru kien mgħarraf bl-għażla ta' Patri Ġużepp bħala l-ewwel Kustodju tal-Kustodja Kapuċċina Maltija.

**Nuqqas ta' qbil**

Qabel it-twaqqif tal-Kustodja ma kinitx l-ewwel darba li nħoloq nuqqas ta' ftehim bejn il-Kapuċċini Maltin u Sqallin. L-ewwel nett irridu nsemmu li fl-ewwel mija u tmienja u erbgħin sena ta' preżenza tagħhom qatt ma kien elett Malti bħala Definitur jew wisq aktar Provinċjal tal-Provinċja ta' Sirakuża u kien biss fl-1736, allura erba' snin qabel il-fundazzjoni tal-Kustodja, li ċertu P. Lwiġi Bartolo mill-Belt kien elett Definitur, waqt li sena qabel l-erezzjoni msemmija kien elett Viċi-Provinċjal. Infatti, fl-1885 P. Alfons Marija Micallef mill-Belt, dik il-ħabta Provinċjal tal-Kapuċċini Maltin, f'ċirkulari maħruġa fl-okkażjoni tat-tielet ċentinarju mill-miġja tal-Kapuċċini f'Malta niżżel li Patri Ġużepp kien: "imdejjaq għax il-Kapuċċini Maltin kienu jibagħtuhom 'l hawn u 'l hemm fil-kunventi ż-żgħar ta' Sqallija, billi dak iż-żmien kienu taħt il-Provinċja ta' Sirakuża, u hekk kienu jħallu l-postijiet ta' ftit jew xejn importanza, għall-Patrijiet barranin"[8]. Fl-1732 ngħidu aħna, sforz ta' nkwiet li nqala' matul vista li wettaq il-Provinċjal ta' Sirakuża P. Giovanni Maria minn Piazza, P. Ġużepp kellu jirrikorri għand il-Gran Mastru de Vilhena li tiegħu kien Konsultur[9], u dan irrikorra għall-Kapuċċini Maltin quddiem il-Papa Klement XII permezz tal-Ambaxxatur tiegħu f'Ruma. Mgħarraf mill-qadi tal-Patrijiet Kapuċċini Maltin fi Sqallija, il-Viċi-Re ta' din l-aħħar bagħat jgħarraf lill-Gran Mastru biex jaħseb għall-firda tal-Kapuċċini Maltin minn mal-Provinċja ta' Sirakuża. Imqawwi minn dawn iċ-ċirkostanzi kollha, P. Ġużepp ma kellux ħlief jaħdem għat-twettiq ta' dan kollu.[10] Irridu nsemmu wkoll li ftit xhur qabel it-twaqqif tal-Kustodja, sewwasew fl-20 ta' Jannar 1739, Patri Ġużepp kiseb mis-Sagra Kongregazzjoni tad-Dixxiplina Reliġjuża digriet li permezz tiegħu ż-żgħażagħ Maltin imsejħa għall-Kapuċċini setgħu jwettqu s-sena tan-novizzjat tagħhom f'Malta stess u mhux aktar f'Sirakuża.[11] Mat-twaqqif tal-

Kustodja, il-Ġeneral tal-Ordni għamel b'kundizzjoni lill-Kapuċċini Maltin li l-Kustodji jintgħażlu darba direttament minnu u darba mill-Patrijiet Maltin.[12] Infatti fil-lista tal-Kustodji nistgħu ngħoddu ħames Kustodji Taljani u ħamsa u tletin Maltin.

Patri Ġużepp mexxa l-Kustodja sa Settembru 1743. Miet fil-kunvent tal-Kalkara mdawwar minn ħutu r-reliġjużi Kapuċċini fl-1763, imżejjen b'kull xorta ta' virtù serafika u bi qlubija mqanqla lejn pajjiżu u l-Ordni li ħaddan, li permezz tagħha għaraf jirbaħ kull xorta ta' diffikultà sakemm seħħlu jikseb l-awtonomija lill-fergħa Kapuċċina Maltija.

**Referenzi:**

1 Għal aktar tagħrif dwar P. Roberto ara: Azzopardi, Francesco (2000), *Roberto Novella da Eboli: Francescano Predicatore a Malta (1565) e a Mantova (1568).*

2 Għalkemm kienu kontemporanji ta' xulxin, Patri Ġużepp Grech u Fra Ġużepp Grech huma differenti wieħed mill-ieħor. Filwaqt li l-ewwel wieħed, jiġifieri l-persunaġġ li qegħdin nittrattaw kien minn Bormla, it-tieni kien Senglean mill-familja mlaqqma "Tal-Qrolli" li mwieled fl-1686 kien arkitett rinomat sew f'Malta kif ukoll fi Sqallija li ħażżeż fost l-oħrajn il-pjanti tal-kunventi Kapuċċini tal-Kalkara u tar-Rabat ta' Għawdex. Mastrudaxxa u bennej ta' ħila, il-fama tiegħu kienet tant kbira li meta l-Patrijiet Agostinjani tar-Rabat ta' Malta ħabbtu wiċċhom ma' problemi serji dwar il-pedamenti tal-kunvent il-ġdid tagħhom fil-post imsemmi, irrikorrew għall-parir tiegħu u kien propju taħt id-direzzjoni tiegħu li dan il-kunvent, imtella' fuq pjanta ta' Andrea Belli, wasal biex tlesta. Miet ta' 68 sena fit-2 ta' Mejju 1754.

3 Attard, Timotju (1955), *Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kappuċċini tal-Furjana u l-Ordni Ġerosolomitan*, p. 102.

4 *Ibid.*

5 Matul il-qtugħ ta' din l-aħħar instabet kaxxa ssiġillata taċ-ċomb bl-awtentika li turi li fiha kien hemm miġbur il-fdal għażiż ta' Fra Adrijan minn Castrogiovanni, illum Enna fi Sqallija, ajk magħruf għal qdusitu li miet fil-kunvent tal-Furjana fl-1619. Jingħad li kien mogħni bid-don tal-profezija u li jirċievi viżjonijiet minn San Mikiel Arkanġlu. Fil-lok fejn darba kienet issoġri ċ-ċella tiegħu fil-kunvent imsemmi għadna nsibu sal-llum niċċa mill-isbaħ f'ġieh il-Qaddis li tikkomemora l-viżjonijiet ċelesti tal-ajk Kapuċċin li saret minn ċertu Fra Mikiel mill-Isla, skultur ta' ħila li miet fl-1720.

6 Garzia, Joseph (2003), *Il-Kapuċċini fil-Kalkara: Storja u Devozzjonijiet*, p. 49.

7 *Ibid.* p. 51.

8 *Ibid.* p. 54.

9 Attard, Timotju (1955), *Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kappuċċini tal-Furjana u l-Ordni Ġerosolomitan*, p. 104.

10 Ta' min isemmi li għall-bidu kien hemm il-ħsieb li l-Kapuċċini jibnu t-tieni kunvent tagħhom f'Malta barra mill-bieb ta' Ħaż-Żebbuġ biswit knisja ċkejkna li kien hemm iddedikata lill-Immakulata, imma peress li l-post kien imbiegħed sew mill-Belt l-idea ma ntgħoġbotx u eventwalment il-post magħżul kien il-Kalkara fl-art mogħtija lilhom minn Ġużeppi Valerju Abela.

11 Attard, Timotju (1955), *Il-Knisja u l-Kunvent tal-Kappuċċini tal-Furjana u l-Ordni Ġerosolomitan*, p. 108.

12 Ciantar, Giovannantonio (1780), *Malta Illustrata*, Liber III, Notizia XIII, f. 324.


# AUSSIE STORE

**130, Oratory Street, Cospicua**

***Jixtiequ l-festa t-tajba lill-Bormliżi kollha.***